**PARROĊĊA TA’ SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**7 ta’ April 2024**

# ŻMIEN L-GĦID

Bħalissa qegħdin fiż-żmien qaddis tal-Għid. Dan ikompli sa jum Għid il-Ħamsin. Fil-knisja dan nuruh billi ħafna drabi l-blandun (dik ix-xemgħa kbira fuq il-presbiterju) ikun mixgħul.

Issa se nibdew it-tieni ġimgħa tat-tberik tal-familji. Xtaqt ngħid kelma fuq it-tifsira u s-siwi li wieħed ibierek. L-ewwel nett, iktar



milli tberik tal-ġebel aħna nbierku lill-familja. Li tbierek ifisser li tagħmel talba lil Alla biex jgħin u jżomm qrib tiegħu lill-persuni li jirċievu l-barka. Bil-barka li nitolbu nkunu ngħidu lill-Mulej li hu kollox għalina u li mingħajru ma nagħmlu xejn.

Xħin tħoss l-ilma nieżel fuqek ftakar fil-magħmudija li rċivejt, fil-ħajja nadifa li tipprova tgħix u fil-ħajja tal-Vanġelu li int tgħix u xxerred.

Dawk li jridu jbierku, nitolbuhom iħallu l-bieb imbexxaq jew jiftiehmu mal-ġirien biex javżaw lil xulxin meta l-qassis ikun wasal qrib darhom.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## AVVIŻI:

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA’ ĠESÙ:** ifakkar li nhar it-Tnejn 8 ta’ April se jkun hemm laqgħa oħra fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur. Il-programm ser ikun hekk: fl-4:00pm jibda Rużarju quddiem Ġesù Espost u wara jkun hemm Quddiesa. Kulħadd huwa mistieden.

**INĦEĠĠU LILL-ĠENITURI** sabiex jinkoraġġixxu lit-tfal u l-adolexxenti tagħhom ikomplu jattendu l-Mużew u ċ-Ċentru taż-żgħażagħ, ħalli jibqgħu jiġu ffurmati matul is-sena kollha.

**GĦOTI TAD-DEMM FIL-BERĠA TAX-XEWKIJA MATUL IX-XAHAR TA’ APRIL**



Il-Ħadd 7 ta’ April mit-8:00am sas-1:00pm

It-Tlieta 16 ta’ April mis-1:00pm sal-5:00pm

Il-Ħadd 21 ta’ April mit-8:00am sas-1:00pm

It-Tlieta 30 ta’ April mis-1:00pm sal-5:00pm

*Il-karta tal-identità hija meħtieġa.*

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA’ ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA’ KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am